# IL-PARROĊĊA TAL-KASTELL U TAL-GŻIRA T'GĦAWDEX

*Pawlu Mizzi*



*Facsimili ta' faċċata mill-Acta originalia bid-data 9.x.1551 li tiddiskrivi lil San Ġorġ bħala l-Parroċċa tal-Kastell u tal-gżira t'Għawdex*

Fis-sena 1511 kien ġie Malta l-Venerabbli Francesco Jacobo de Manomormis kappillan tal-Qdusija Tiegħu l-Papa biex jara u jifli id-dokumenti, uffiċċjalment magħrufa bħala *Scripturae Apostolicae*, fid-diversi knejjes tad-Djoċesi. Fost dawn talab biex jara l-Bolli tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, dak iż-żmien il-Parroċċa tal-Kastell u tal-gżira t'Għawdex, kif ukoll dokumenti oħra tal-knejjes li kienu jagħmlu minn din il-Parroċċa. Jidher li dawn il-Bolli u dokumenti kienu normalment jiġu preservati għand il-parroku stess ta' San Ġorġ, iżda li wara il-mewt ta' Don Lucianus Guevara, għaddew għand Don Nicolaus de Bordino, li kien jiġi ħu l-Vigarju Ġenerali ta' Malta, u li dik il-ħabta kien intbagħat biex jagħti l-pussess lill-parroku l-ġdid ta' din il-parroċċa.[1]

Din il-viżta ta' de Manomormis twettqet fi żmien meta bejn l-kleru indiġenu u l-Kurja Rumana kien għaddej tilwim serju dwar il-ħatriet tal-kappillani u l-għotiet ta' benefiċċi u ġuspatronati lill-qassisin barranin. Il-kwestjoni kienet ilha taħraq sa minn meta l-isqof Dom Maurus Calì aktar minn mitt sena qabel qatagħha li ma kellux iħalli lill-Kurja Rumana tiddettalu xi pjan pastorali kellu jaddotta għad-djoċesi tiegħu.[2] Ma riedx, fuq kollox, li din tibqa' tindaħal fit-tmexxija tad-djoċesi u nsista li, għall-ġid spiritwali u materjali, kull *cappella* jew parroċċa tkun fdata f'idejn qassisin Maltin li ħadd daqshom ma kien jifhem il-parruċċani u jara il-ħtiġiet tagħhom.

*L-oriġini tal-ġuspatronati u l-bidu tal-kwestjonijiet*

Dawn il-ġuspatronati għandhom bidu fi gżiritna matul l-ewwel nofs tas-seklu XIV. Ġuljani eżistenti ta' benefiċċji ma jmorrux aktar 'l bogħod minn hekk. Il-ġuspatronat reġju tas-saccaya, illum magħruf bħala tal-Lunzjata, li hu wieħed minn ta' l-ewwel jekk mhux l-ewwel, twaqqaf fl-1327. Miegħu kien hemm oħrajn. Fosthom ta' Għodlien, ġuspatronat reġju ieħor, marbut mal-knisja ta' San Ġwann l-Evanġelista li kien hemm fiċ-ċimiteru Franċiż ta' barra l-ħitan tar-Rabat. Ħafna drabi dawn il-ġuspatronati kienu jiġu mogħtija lill-ekklesjastiċi barranin, il-biċċa l-kbira tagħhom membri tal-Kurja Rumana.

Minħabba f'hekk, fl-1396 dan l-isqof Calì, li kien l-ewwel Malti isqof ta' Malta, ħadha qatta' bla ħabel kontra l-qasssin barranin li kellhom benefiċċji Maltin u li ma kienu jirfsu qatt xtut gżiritna. Il-biċċa l-kbira

ta' dawn il-barranin kienu Sqallin ħbieb ta' dinjitarji għolja qrib il-Kurja Rumana, aktarx qassisin bla skruplu, imġewħa biss għall-poter u l-unuri. L-interess tagħhom kien f'buthom u mhux f'kemm erwieħ kellhom bżonnhom.[3]

Biex jirregola l-ħatriet u l-għoti ta' *beneficii* jew *juspatronati* fid-djoċesi Maltija, l-isqof Calì ħareġ għadd ta' statuti u ordinanzi. Dawn kienu jagħrfu, fost ħwejjeġ oħra, id-dritt tal-qassisin Maltin li jkunu sidien f'darhom, u għalhekk kellhom ikunu huma l-ewwel li jgawdu minn ġuspatronati mwaqqfa f'Malta, kienu ta' liema tip kienu, ekklessjastiċi, *regii* jew lajċi. Permezz ta' dawn l-ordinanzi kien ġie stabilit li l-ebda membru tal-kleru barrani ma sata' jippossiedi *beneficium* f'Malta jew f'Għawdex jekk dan ma jkunx almenu residenti permanenti f'dawn il-gżejjer. Fid-digriet tiegħu, l-isqof Calì saħaq fuq il-ħtieġa ta' kleru indiġenu li jkun għaref, attiv, u fuq kollox mantnut materjalment b'mod xieraq. Kien, għalhekk, li wissa illi jekk leħnu ma kienx sa mismugħ huwa kien lest jirtira kull prebenda mogħtija lill-barranin u jgħaqqadha mal-*cassa capitulari* tal-Knisja ta' Malta.[4]

Dan id-digriet tal-isqof Calì wara kien ġie approvat ukoll mir-Re Martinu fit-18 t'Ottubru 1398.[5] Kien simpatiku dan il-ġest tar-Re Martinu u jista' jitqies bħala wieħed mill-avveniment importanti ta' natura nazzjonali, għax bih mhux biss li kien ġie magħruf id-dritt tal-qassisin Maltin, iżda li dan iə-əritt kien legaliżżat u leġittimiżżat fost il-privileġġi tal-Maltin. Konsegwenza ta' dan, ir-re ordna lill-kaptani tal-Verga biex jiżguraw li kull kapitlu li kien hemm fl-ordinanzi tal-isqof jiġi osservat tajjeb minn kull min kien konċernat f'dawn l-għotiet.[6]

La l-isforz, iżda, tal-isqof Calì u lanqas il-ħeġġa tar-Re Martinu ma jidher li kellhom xi suċċess kbir. Il-qassisin Sqallin kellhom rieħhom fil-qalgħa bil-Kurja Rumana tipperċedihom, u għalhekk meta sabu bieb l-isqof magħluq daħlu mit-tieqa tal-papa. Fil-ħatriet tagħhom il-papa ma kien jara xejn ħażin. Anzi, kienu ta' inċentiv għal aktar lealtà lejh, u billi dawn kienu rakkmandati mill-Kurja Rumana, il-ħatriet tagħhom kienu meħtieġa f'kull post possibbli biex jassigura li ma tiġix ripetuta s-sitwazzjoni ambigwa ta' żmien ix-Xiżma l-Kbira meta parti sostanzjali tal-kleru Malti u Għawdxi kienet iżżomm tal-papa ta' Avignon.[7]

Fil-bidu tas-seklu XVI il-Komun Malti ma setax jittollera aktar din il-qagħda. Bagħat, għalhekk, memorandum lir-Re Ferdinandu li fih fakkru fid-digrieti tal-isqof Calì u talbu juża l-influenza tiegħu fuq il-papa biex ma jkomplix iqassam benefiċċji Maltin addoċċ lill-ekklessjastiċi barranin.[8] Barra minn hekk talbuh



*L-isqof Dom Maurus Calì*

ukoll iwaqqaf lill-viċire ta' Sqallija biex ma jagħtix aktar l-*exequator* tiegħu għall-ħatriet rakkomandati mill-papa. Fuq kollox ħeġġew lir-Re joħrog leġislazjonijiet li bihom kull qassis barrani li kellu xi benefiċċju Malti kellu jew jirrinunzja għalih jew jekk irid iżommu kellu jiġi joqgħod Malta.

Kemm ir-Re u kemm il-viċire qablu ma' dan il-*memorandum*. Ir-Re ħareġ il-*placet* tiegħu għalih fil-15 ta' Frar 1508[9] waqt li l-viċire għarraf lill-Kunsill Popolari b'ittra tas-17 ta' Mejju tal-istess sena li hu ukoll kien kuntent u lest jagħti l-*exequator* tiegħu għax-xewqat tagħhom. Ir-Re kien determinat li jgħin lill-Maltin mill-aħjar li jista'. Min-naħa tal-papa, iżda, ma jidhirx li kien hemm tant koperazzjoni. U, wieħed jiddubita jekk din id-determinazzjoni sabitx kunsens fost il-membri tal-Kurja Rumana.

Kienet x'kienet ir-reazzjoni tal-Kurja Rumana jidher li xi tip ta' mekkaniżmu inkwiżitorjali kien beda jiċċaqlaq. Il-viżta f'Malta tal-Venerabbli Francesco Jacopo de Manormis fl-1511 kienet aktarx parti minn investigazzjoni twila li ġebbdet għal aktar minn għaxar snin. Għal xi snin wara donnu li kollox kien reġa' raqad. Fl-1514 id-Dekan tal-Katidral ta' Malta reġa' bagħat ifakkar ir-Re dwar il-ħtieġa li l-għoti ta' benefiċċji lill-barrani jieqfu. 'Dan l-għoti lill-barranin kien qed igerrex il-vokazzjonijiet tal-Maltin,' qallu id-Dekan, 'u dan bil-konsegwenza li ma kienx hemm qassisin biżżejjed biex jitbagħtu bħala kappillani fl-irħula'.[10] Fl-14 ta' Mejju ta' dik is-sena ir-Re bagħat lill-ambaxxatur tiegħu, Senor Consenso, għand il-papa



*Mons Domenico Magri, awtur tan-*Notizie de' Vocaboli Ecclessiastiċi, *li kien jiġi ħu l-arċipriet Dun Carlo Magri li fl-1689 irnexxielu jimponi l-unjoni fuq San Ġorġ*

biex b'xi mod jipperswadih jikkuntenta lill-Maltin.[11] Jekk Senor Consenso marx jew le ma jistax jingħad. Aktarx le milli iva għax, mis-silenzju li waqa' fil-ħames snin ta' wara, wieħed jista' jgħid li mhux biss li ma kien sar l-ebda ċaqliq, imma talli almenu f'żewġ okkażjonijiet l-għotiet ta' benefiċċji lill-barranin baqgħu sejrin.

Fl-20 ta' Novembru 1519 il-Kunsill qatagħha li jirrikorri direttament għand il-papa wara li jitlob il-parir u l-għajnuna tar-re il-ġdid Karlu V. Ir-Re laqa' t-talba tal-Maltin u bagħat jgħid lill-papa biex jagħti widen għat-talbiet tal-Maltin peress li l-qagħda tagħhom kienet prekarja, l-aktar minħabba l-qorob tagħhom lejn l-artijiet misilma. Dan l-appell ta' Karlu V aktarx li ma waqax f'widejn torox għax fit-22 ta' Marzu 1521 il-Papa Ljun X ħareġ l-indult li bih għaraf il-biċċa l-kbira tat-talbiet Maltin.[12]

Matul dan iż-żmien l-intransiġenza tal-Kurja Rumana ma kelliex tmiem. Ma kienx jinqala' post vaganti li ma kenitx timlieh b'niesha. Il-lista bikrija tal-parroċi ta' San Ġorġ hija tista' tgħid kollha magħmula minn qassisin barranin: Don Filippo de Guevara (1456-70) Spanjol, Don Paolo Brunetta (1470-90) Sqalli, Don Luciano Gaduara (1490-1504) Sqalli, Don Angelo Manara, (1505-30) Sqalli, u Don Alvaro de Castella (1530-44) li kien ukoll Sqalli.[13] L-istess ħaġa wieħed josserva jekk jifli listi oħra ta' kappillani ta' knejjes u kappelli ġuspatronati.[14]

*Il-Kastell fis-seklu XV*

Il-kastell stess kien ilu dominat minn nobbli Sqallin u ekklesjastiċi tal-Kurja Rumana sa minn żmien Cabrera.[15] U ħadd ħliefhom ma kien jitħalla jippatronizża xi rokna 'l ġewwa mis-swar tagħhom. Lanqas fi żmien ta' theddid mill-pirati ma tħalliet l-*universitas* t'Għawdex tagħmel użu temporarju minn xi sala fih.[16]

Din il-qagħda ta' prepotenza ekklessjastika barranija aktar spikkat wara li fl-20 ta' Ġunju 1428 il-Maltin kisbu mingħand ir-Re Alfonso il-*Magna Charta Libertatis* u Malta ġiet integrata fir-Regio Dominio.[17] Fl-1494 il-Kapitlu tal-Katidral, li uħud mill-membri tiegħu kienu spalla waħda mal-Kurja Rumana, taw il-permess lill-familja Navarra biex ġol-kastell ħajt ma' ħajt mal-knisja ta' Santa Marija tibni kappella tagħha.[18] Aktar tard permessi simili ngħataw ukoll lill-familji Monpalao u Castelletti.[19] Fl-istess żmien Don Paolo Tiburtino (jew Marabuttino), qassis Sqalli, ġie maħtur Vigarju Foranew u xi snin wara ngħata ukoll il-kappellanija tal-knisja ta' Santa Marija.[20] Fl-1501 il-qassis Sqalli ieħor, Don Alvaro de Castella, ingħata l-benefiċċju tas-Saccaya,[21] imma ġie joqgħod Għawdex u aktar tard mal-mewt ta' Dun Anġ Manara, li kien ukoll Sqalli, tlaħħaq ukoll parroku ta' San Ġorġ.[22]

Jitqarraq min, wara li jaqra dwar dan iċ-ċaqliq, jaħseb li l-gżira kienet għaddejja minn xi perijodu floridu. Dak iż-żmien l-Għawdxin kienu *pochi e poverissimi*. Fil-gżira kien hemm biss madwar 400 dar.[23] Jekk, kif jingħad skond kalkoli ta' xi medjevalisti, kull dar kienet tgħodd bejn erbgħa u ħamsa min-nies, il-popolazzjoni t'Għawdex kienet ta' xi 2000 ruħ biss.[24] Dawn kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom jgħixu gor-Rabat 'il ġewwa mill-ħitan tiegħu 'l isfel mill-parroċċa ta' San Ġorġ.[25] 'Il barra minn dawn il-ħitan kien hemm madwar għoxrin dar oħra mifruxa 'l hawn u 'l hinn fuq żewġ ħaġariji.[26] Ġewwa l-kastell l-għadd ta' djar kien limitat u ma setax kien aktar minn xi djar kbar jew palazzi li uħud minnhom għadhom jidhru sallum. Il-kastell il-qadim kien kien żgħir u tond[27] u barra li ma kienx fih ħafna wisa' ma kienx magħmul biex jospita aktar minn dawk li kienu jamministraw il-gżira. Fl-1442 għoddu ħerba[28] u kważi abbandunat, tant li għal xi żmien kien jinkera biex

minnu jinġabru fondi mis-*secreto*.[29]

Minkejja dan iċ-ċokon u l-miżerja ta' popolazzjoni, l-isqof Cubelles sab li fl-1545 f'din ir-roqgħa kien hemm erba' parroċċi: il-'matriċi' tal-kastell, Santa Marija ta' Savina, San Ġakbu, u San Ġorġ tar-Rabat.[30] Xi studjużi tal-istorja ekklesjastika jieħdu dan it-tagħrif bħala vanġelu u jinterpretawh skond il-kelma,[31] oħrajn huma aktarx xettiċi u aktar kawti meta jiġu biex iqisu l-implikazzjoni soċjali ta' dan it-tagħrif.[32] Wieħed ma kienx faċli jifhem kif f'roqgħa ta' art ftit akbar minn sitt grawnds tal-futbol flimkien setgħet tħaddan fiha erba' parroċċi. U ħaġa minn awl id-dinja wieħed ma jistax ma jistaqsix: 'imma, allura, x'tipi ta' parroċċi kienu dawn?'

*Tipi ta' parroċċi*

Dak iż-żmien kien hemm tliet tipi ta' knejjes jew kappelli li kienu jissejħu parroċċi: kien hemm il-knisja *battesimale*, il-knisja *sagramentale,* jew *curata*, u l-knisja *parrokkjali.* Ta' l-ewwel kienet sempliċi kappella f'*casato* jew *feudum*. Din kienet isservi prinċipalment għall-magħmudijiet biex fiha jiġu mgħammda ulied il-braċċanti li kienu joqogħdu fl-istess fewdu. Minħabba f'hekk fiha kellha fonti battiżimali u għalhekk tissejjaħ parrokkjali (għax tal-parrokia). Il-knisja *sagramentale* jew *curata* kienet knisja jew kappella f'xi *casale* 'l bogħod mill-parroċċa proprja, li minħabba il-perikli kienet tiġi amministrata minn kappillan, ħafna drabi membri tal-kapitlu tal-Katidral, u mogħnija bi privileġġi li tgħammed u tamministra s-sagramenti b'mod partikolari li tiċċelebra l-ewkaristija fil-Ħdud u l-Festi. Din ukoll kienet mogħnija b'fonti battiżimali u għalhekk hi wkoll kienet tissejjaħ parrokkjali. Dawn l-istess privileġġi kienu jingħataw lil xi kappella ġo fortizza li minħabba esiġenzi militari n-nies tal-fortizza ma kienux ikunu jistgħu jiġu amministrati għall-ħtiġiet ta' ruħhom mill-parroċċa proprja. L-ebda waħda minn dawn iż-żewġ tipi ta' parroċċa, imma, ma setgħet taqdi d-dmirijiet ta' parroċċa proprja. Il-parroċċa proprja kienet il-knisja ewlenija fil-belt li kienet amministrata minn parroco permanenti li kellu f'idejh il-cura animarum u għalhekk b'residenza permanenti fil-parroċċa. Don Domenico Magri (li jiġi ħu l-arċipriet Don Carlo Magri, 1680-89) fin-*Notizie de'Vocaboli Ecclesiastici*, jiddefinixxi tajjeb x'kienet il-parroċċa u jżid jgħid li 'kull knisja parrokkjali tista' tkun curata, imma mhux kull knisja curata hi parrokkjali jiġijieri parroċċa'.[33]

*It-tifsira tal-kelma 'matriċi' fis-seklu XV*



*Il-'kan. Enrico de Bordino, Preċettur tal-Katidral (1500-26), li jiġi ħu l-Kan. Nicolau, li kien allegat li fil-pussess tiegħu kellu l-Bolli tal-Parroċċa ta' San Ġorġ u tal-knejjes li kienu jagħmlu minnu*

Ma jidhirlix li jkun barra minn loku f'dan il-punt li wieħed jistudja tajjeb x'kien ifisser it-termnu ekklesjastiku *matriċi* fis-seklu XV. Skond xi storiċi dan it-termnu kien ifisser 'parroċċa li minnha ħarġet tal-anqas parroċċa oħra'.[34] Dr. A Luttrell[35] ma jaqbilx u lanqas Prof Fiorini.[36] Min jgħid hekk, jistqarr Fiorini, ikun qed jinterpreta l-istorja bil-maqlub billi jħares lejn ġrajjiet tas-seklu XV b'lenti tas-seklu XVII jew XVIII.[37] Għadd ta' knejjes fis-seklu XV kienu jissejħu matrice mingħajr lanqas biss kienu parroċċa fis-sens modern. Fost dawn il-*cappelle* ta' Ħaż Żebbuġ u ta' Birmiftuħ[37] u l-*ecclesia maioris sive matrici dicti casalis Naxar*.[38]

'Matriċi', dak iż-żmien kienet tfisser knisja li, fost kemm kien hemm knejjes oħra mqabbdin magħha, hi kienet l-akbar (maioris) waħda[39] u hi ukoll kienet l-aktar importanti peress li ġo fiha kien jinżamm il-fonti tal-magħmudija. Kienet knisja-omm, ħafna drabi msejħa ukoll e*cclesia nutrix*,[40] imma mhux 'Omm il-knejjes', kif wara l-Konċilju ta' Trento dawk il-parroċċi l-kbar, li minnhom tnisslu parroċċi oħra, bdew jissejħu.[41]

*Il-mit tal-knisja matriċi ta' dan il-kastell*

Il-mit tal-'matriċi', kif imsejħa l-knisja ta' Santa Marija tal-kastell, għandu mnejn jidher aktar anakronistiku meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi li fih twieled. Fi żmien iż-żjara tal-isqof Cubelles din il-knisja ta' Santa Marija tqieset bħala *ecclesia curata* u ġiet magħduda fost l-erba' parroċċi tal-gżira. Fir-rapport li Mons Dusina għamel tal-viżta tiegħu fl-1575 tniżżlet ukoll bħala *parrochialem*.[42] U hekk ukoll tqieset fil-*liber baptizatorum* sal-bidu tas-sena 1578[43]. Fl-10 ta' Marzu 1578 Dun Anton Attard beda fir-reġistrazzjonijiet tal-magħmudija jniżżel regolarment 'Io Don Ant Attard curato di questa matriċe . . '. Minn dak inhar it-termnu daħal kulfejn kienet tissemma l-knisja ta' Santa Marija tal-Kastell: fl-atti notarili, fil-Viżti Pastorali, fir-Reġistri tal-Knisja, kullimkien. Fl-1621 il-kappillan Don Salvatore Pontremoli ngħata t-titlu ta' Arċipriet u fl-Edictum Pro Erectione Collegiate il-knisja ssejħet uffiċċjalment 'Knisja Matriċi ta' din il-Gżira t'Għawdex'.[44] G.F.Abela ukoll jirriferi għaliha bħala 'il-Matriċi t'Għawdex' u Agius de Soldanis jagħmel l-istess bla ma qatt ħaseb biex jivverifika l-fatti

*It-testment ta' Nuccio del Piscopo (jew De Episcopo)*

L-aqwa xhieda ta' dik li suppost kienet il-veraċità ta' dan it-titlu tfaċċat aktar tard meta fiċ-ċelebrazzjonijiet tat-350 anniversarju tal-Kolleġġja G. Wettinger xandar li din il-knisja kienet tingħad bħala matriċi sa mill-1435. Dan kien sar jaf bih minn ġuljana ta' benefiċċji li in-nutar Domenico Portelli kien għamel fl-1633.[45] Kif jistqarr G.Wettinger stess fin-nota tiegħu għal din l-aħbar din il-ġuljana kienet ġiet kompilata minn kopji ta' testmenti magħmula fl-1545. Fost dawn il-kopji kien hemm dik tat-testment ta' Nuccio del Piscopo magħmul għand in-Nutar Andrea de Beniamino nhar it-12 ta' Ottubru 1435. Minkejja li hija kopja u li Portelli ittraskriva minn fuq din il-kopja, Wettinger jiżgurana li t-traskrizzjoni ta' Portelli hi ta' min jorbot fuqha u, għalhekk, ħaġa minn awl id-dinja li minn dak inhar il-mit tal-matriċi ntefaħ, sar aktar kredibbli, u, f'ambjenti fejn il-klima ta' parrokkjaliżmu kienet sħuna ħafna, inbidel fi storja jekk mhux ukoll f'vanġelu.

F'ambjenti kulturali, iżda, l-istorja tal-'matriċi' baqgħet tintlaqa' b'mit u b'ċertu xettiċiżmu. U dan bir-raġun għax l-oriġinal ta' dan it-testment huma mitluf u kif jistqarr l-arkivista Dun Gwann Azzopardi f'artiklu dwar 'Transcripts and Indices', *transcripts may often be faulty not only in their text but especially in their date . . . .*'. U f'artiklu ieħor dwar 'The Earliest Transcripts at Mdina', meta jirriferi għal 'authentic documents' li l-originali tagħhom ma jinstabux, Dr Luttrell iwissi u jgħid li fin-nuqqas ta' oriġinali 'no definite pronouncement can be made'.[46]

L-istampa ta' din il-kopja tat-testment ta' del Piscopo aktar tista' tiċċajpar meta wieħed iqis li kienet



*Mappa ġeografika tar-Rabat, il-belt il-qadima t'Għawdex bil-kastell tagħha. Minn pjanta tal-fortifikazzjonijiet maħsuba mill-inġinier tal-Ordni Giov. Rinaldino fl-1680*



*Il-Ħaġarija kif kienet tidher qabel ma ġiet imwaqqgħa fl-ewwel deċenni tas-seklu XVII bl-ordni tal-Granmastru Wignacourt biex tagħmel wisa' għall-foss tas-swar il-ġodda. Dettall mill-kwadru titulari ta' Savina magħmul fl-1622*

saret fi żmien ta' pika u polemika dwar dan it-titlu 'matriċi'. Fil-fatt il-kopja saret anqas minn ħmistax-il sena wara li l-kappillan tal-knisja ta' Santa Marija, Don Nicolò Castelletti, kien talab lill-awtoritajiet ċivili u ekklessjastiċi biex hu jiġi magħruf bħala 'arċipriet' u l-knisja tiegħu bħala 'matriċi'. It-talba ġiet miċħuda, imma, ċertu Don Giulio Galletto, monsinjur tal-Kurja Rumana, irranġalu u wara li tħallset pensjoni ta' tmintax-il dukat tad-deheb, l-awtoritajiet bdew jagħlqu għajnejhom għall-użu tal-kelma.[47]

Fattur ieħor anakronistiku li jixħet aktar dubbju fuq l-autentiċità tat-testment huwa t-termnu stess ta' matriċi. Illum nafu li kienet tissejjaħ matriċi dik il-knisja li magħha kien hemm agganċjati knejjes oħra iżgħar. Il-knejjes ta' Loretu, ta' Santa Luċija u ta' Santa Katerina kienu nbnew agganċjati mal-*ecclesia Santae Mariae* aktar minn sebgħin sena wara u ma jidhirx li fl-1435 kien hemm knejjes oħra simili. Dan jista' jispjega l-għala fl-1450, ħmistax-il sena biss wara d-data li fiha jingħad li kienet tissejjaħ matriċi, lanqas ġiet magħżula ma' knejjes oħra 'anqas' minnha biex fiha jintrebħu l-indulġenzi ġubilari.[48] Barra minn hekk hemm fatti oħra, fosthom li fl-insinwa tat-testment ma jinstab l-ebda referenza għall-matriċi jew għall-għotja ta' tnax-il ratal xamgħa lill-artal maġġur tagħha;[49] u li dak iż-żmien kulħadd kien jaf li kienet il-knisja ta' San Lawrenz l-ewwel knisja fil-kastell[50] u mhux il-knisja ta' Santa Marija. Għalkemm illum il-ħjiel tal-oriġini tal-knisja ta' Santa Marija tħalla jintilef fl-allegata qerda ta' dokumenti fl-1551, għad fadal traċċi biżżejjed biex wieħed, jekk sinċerament irid ifittex il-verità storika, jasal biex ma jarax kulti u kulturi latini qabel ma tfaċċaw fuq xtutna l-mewġiet ta' influenzi latini mal-wasla tal-Kurja Rumana wara tmiem ix-Xiżma l-Kbira f'tarf is-seklu XV.

*Il-Parroċċa tal-Kastell u tal-gżira t'Għawdex*

Jidher, almenu sal-1511, li fit-*terra et insula Gaudisii* [51] kien hemm biss knisja waħda li setgħet tingħad tassew bħala parrokkjali. U din kienet il-*parrochia sub vocabulo Sanctii Georgii* li minnha kien hemm jagħmlu ukoll knejjes oħra. L-ebda dokument ieħor ekklessjastiku ma juri aktar biċ-ċar il-verità dwar l-istorja kibrija tal-Knisja f'Għawdex. It-terminologija tiegħu hi sempliċi u jista' jifhimha kulħadd, ukoll dawk li ma jafux Latin. M'hemmx dubbju li fl-1511 kienu għadhom jeżistu l-iskritturi apostoliċi tal-parroċċa ta' San Ġorg li kienu, bla ebda ekwivoku ta xejn, jgħidu li **l-knisja ta' San Ġorġ kienet il-parroċċa tal-Kastell u tal-Gżira kollha t'Għawdex**, u barra minn hekk ma' dawn l-iskritturi kien hemm skritturi oħra li juru li **mal-parroċċa ta' San Ġorġ kien hemm jagħmlu wkoll knejjes oħra**.

Dan hu dokument li jista' jitfa' aktar dawl fuq l-imgħoddi mudlam tal-organizzazzjoni bikrija tal-Parroċċa t'Għawdex.

NOTI

(Taqsir ta' kliem: ACM, *Archives of the Cathedral Mdina*; ASV, *Archivio Secreto Vaticano*; EAG, *Episcopal Archives Gozo*; Koll. Priv., *Kollezzjoni Privata*; NAV, Notarial Archives Valletta; NLM, *National Library Malta;* UOM, *University of Malta*.

1. ACM, *AO (1511)*, 16.
2. Vella, A., *Storja ta' Malta vol: 1*, Malta, 1984, 122.
3. ACM, *Privilegia, v*, ms. 20 (paġni mhux numerati).
4. ACM, *Misc.* 2, 41.
5. ACM, *ibid*, 'Capitano, Giurati, e Giudici di Malta . . . . .'.
6. Ibid.
7. Vella, *ibid*, 125.
8. ACM, *ibid*.

9. ACM, *Privilegia, v,* ms.30.
10. Borg, V., The EccIessiatical Benefices', (teżi mhix pubblikata) UOM. Ara ukoll Ferris, A., *Storia Ecclesiastica di Malta,* Malta, 1877, 125-8.
11. *Ibid,* 16.
12. ACM, *Misc.* 28, 'Breve di Leo X che ordina che i benefici della Chiesa di Malta si conferiscono solamente a chierici di Malta'.
13. Borg, Chev. J., 'Il-Knisja t'Għawdex' (manuskritt mhux pubblikat) Koll. Priv.
14. Ferris, A., *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo,* Malta, 1866, 539-59.
15. Vella, *ibid,* 125.
16. *Ibid,* 127.
17. NLM, *libr,*1141, $1^{v}$-$6^{r}$.
18. Agius de Soldanis, G.P., (trad. Mons G. Farrugia), *Għawdex bil-Ġrajjiet tiegħu, ii, infra.*
19. ACM, *Misc.* 172, 1.
20. Ferris, *ibid,* 540-3.
21. ACM, 'Notizie dei Benefizi Ecclessiastici di Giuspatronato Laicale eretti nelle isole di Malta e Gozo', vol.4.
22. Borg, Chev. J., *ibid.*
23. Luttrell, A., 'Approaches to Medieval Malta', *Medieval Malta:Studies on Malta Before the Knights,* London 1975, 46.
24. Kemm Illuminato Peri (*La Sicilia dopo il Vespro,* Roma, 1982) u kemm Anthony Luttrell (*Medieval Malta,* London 1975) iżommu din il-medja fil-kalkoli tal-popolazzjoni.
25. Iċ-ċifri mogħtija lil Dusina waqt il-viżta apostolika tiegħu jidher li għandhom fihom element ta' esaġerazzjoni. Wieħed għad irid jistudja kif f'kastell 'żgħir u tond' u mħarbat kif kien wara l-ħbit tal-1551 seta' jilqa' fih 800 ruħ barra bhejjem u tfal.
26. Dawn il-ħaġariji twaqqgħu fl-ewwel deċenni tas-seklu XVII bl-ordni tal-Granmastru Wignacourt biex jagħmlu wisa' għall-foss tas-swar il-ġodda. Fil-kwadru titulari tal-knisja ta' Savina mpenġi fl-1622 il-ħaġarija li tagħha Savina kienet parroċċa għadha tidher.
27. Bosio G., *Dell'Istoria della Sacra et Illustrissima Religione di San Giovanni Gerosolimitani, iii,* Roma, 1607, 305.
28. Luttrell, *ibid.,* 58 n.312.
29. Bresc, H., 'The Secrezia and the Royal Patrimony', *Medieval Malta,* 136 n.62.
30. Ferris, *ibid.,* 539-59.
31. Bonnici A., *History of the Church in Malta, i.,* Malta, 1967, 87. Ara ukoll Bonnici Alex., *Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex,* Malta 1975, *infra.* u Bezzina, Jos., *Church History including an Account of the Church in Malta,* Malta, 1994, 123.
32. ACM,*Misc.* 55, 6-10.
33. Magri, D., *Notizie de' Vocaboli Ecclesiastici,* Livorno, 1645, vide 'parrochia'.
34. Wettinger, G., 'Il-Ġrajja Bikrija tal-Knisja Matriċi t'Għawdex 1435-1551', *350 Sena Kolleġġjata,* Malta, 1973, 19.
35. Ara nota fil-paper 'L'Origine della Parrocchia di Malta' mogħtija minn Dr.A.Luttrell f'symposium li kien sar f'Ruma fl-1975 fuq La Parrocchia nelMedidione d'Italia.
36. Fiorini, S., 'Gozo in the Late Middle Ages and Early Modern Times', *Gozo and Its Culture,* Malta, 1995, 53.
37. Galea, J., *Il-Knisja ta' Saanta Marija ta' Bir Miftuħ,* Malta, 1947, infra.
38. NAV, Nutar Zabbara, R494/1.
39. Fiorini, *ibid.*
40. Magri, *ibid.,* vide '*ecclesia*'.
41. Ferris, *Storia Ecclessiastica,* infra.
42. ACM, *Misc.*182, 468.
43. AEG, Registrum 1, *Liber Baptizatorum.*
44. ACM, *Misc.* 242.
45. Wettinger, *ibid.,* 18 n.4.
46. Azzopardi, J., (ed.), *Archives of the Cathedral of Malta Misc. 32A: 1313-1529,* Malta, 1977, 17, 50.
47. ACM, *Misc.* 55, *infra.*
48. ASV, *Reg. Lat.* 596, 16-18 (*Indulgentia Annis Jubilei in Civitatis Diocesi Melitevana Concessa*).
49. ACM, *Misc.*368, 206.
50. ACM, *Misc.* 182, 294.
51. Peri, I., *ibid,* 32.


Fieri Kummercjali fil-Kumpless tat-Teatru Astra

CALYPSO FAIR — 14 - 15 - 16 ta' Novembru 1997

Casa Bella — 20 - 21 - 22 ta' Frar 1998

Ideal Home Exhibition — 21 - 22 - 23 ta' Marzu 1998